# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2283

**Kaz Nru : 2949/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Antonella Mamo**

**u**

**Office Group Ltd. (C-39197)**

**(Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM, IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Antonella Mamo, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fl'10 ta' Awissu, 2011. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwestjoni deheru r-rikorrenti li kienet assistita mill-Avukat Andrew Borg Cardona u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Anthony Micallef li kien assistit mill-Avukat Kevin F. Dingli.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti tghid, li kienet ingaggata mal-intimati bhala "Assistant to the Director" f'Lulju 2008. Hija tkompli tghid, li kienet tassisti d-direttur Robert Micallef u mieghu ma kellha problemi ta' xejn. Hija tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha li qisu mill-bidu ta' 2010, il-Managing Director Anthony Micallef, kien juriha li ma kellux pjacir biha.**

**Fl'Istqarrija taghha hija tkompli tghid li f'April 2011, Robrt Micallef telaq minn mal-Kumpanija wara dizgwid ma Anthony, li jigi missieru u sid il-Kumpanija u kien**

**hawn meta bdew jizdiedu l-problemi ghalija. Fl'istqarrija taghha hija tkompli tghid, li hi hasset li Larry Duca kien qed jaqbad maghha u kien hemm diversi akkuzi u mizuri fil-konfront taghha li kienu minghajr bazi. Hija tghid ukoll, li wara li telaq id-Direttur Robert Micallef bdiet tghamel xoghol iehor, izda d-diffikultajiet baqghu hemm u eventwalment giet dikjarata redundant, li kien pass minn naha tal-Kumpanija li hi hasset li sar dan biex jehilsu minnha.**

**Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li ir-rikorrenti kienet giet impjegata mas-socjeta' fuq bazi ta' kuntratt ta' servizz indefenit b'effett mis-16 ta' Gunju 2008, bhala "Assistant to the Director". Is-Socjeta tghid ukoll, li id-Direttur inkwistjoni kien is-Sur Robert Micallef, illi kien huwa stess li kien baghtilha il-"Letter of Appointment" fit-30 ta' Mejju 2008.**

**Fl'istqarrija taghha is-Socjeta tghid ukoll li Robert Micallef fil-15 ta' April 2011, kien kiteb lis-socjeta sabiex javzaha illi huwa kien ser jieqaf minn xogholu minn mal-istess socjeta, eventwalment huwa tnehha minn Direttur b'effet mit-30 ta' Mejju 2011. Fl'Istqarrija taghha s-Socjeta tghid ukoll, li b'konsegwenza diretta ta' dana kollu il-pozizzjoni tar-rikorrenti bhala "Assistant to the Director" giet redundant.**

**Is-Socjeta tghid ukoll fl'Istqarrija tal-Kaz taghha, illi ghalhekk il-kaz ma huwiex wiehed ta' tkeccija mill-impieg, gusta jew ingusta izda huwa kaz semplici ta' redundancy skond il-ligi; u billi ma gie inkarigat l-ebda Direttur iehor wara t-tnehhija mill-inkarigu ta' l-imsemmi Robert Micallef, wisq anqas xi Direttur iehor illi kellu xi htiega ghal xi assistent ir-rikorrenti giet dikjarata redundant. Is-Socjeta tghid ukoll li skond ma jidher mill-ahhar payslip relattiv datat 15 ta' Lulju 2011, ir-rikorrenti thallset dak kollu li kien dovut lilha skond il-ligi.**

**Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrenti kienet giet impjegata mas-Socjeta b'effett mis-16 ta' Gunju 2008, fil-grad ta' "Assistant to the Director" u li f'dan il-kaz kienet tghamel xoghol ghas-Sur Robert Micallef li kellu l-kariga ta' Direttur tal-Kumpanija u li kien jigi iben il-propjetarju ta' l-istess Socjeta. Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-funzjonijiet tax-xoghol tar-Rikorrenti ma kienux biss ta' livell segretarjali, izda kellha wkoll dmirijiet ohra bhal logistika, client complaints, ordnijiet ta' prodotti, iccikkjar li dawn il-prodotti jaslu f'kundizzjoni tajba, quotations ta' prodotti, scheduling ta' deliveries kif ukoll kellha ir-responsabilita li tiehu hsieb wiehed mid-deliveryman biex tindikalu fl'liema postijet kellu jwassal il-prodotti. Hija kellha wkoll ir-responsabilita li tghamel xoghol amministrattiv ta' HR fejn jirrigwardja zamma ta' leave u sick leave.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti kellha relazzjoni personali mad-Direttur Robert Micallef liema relazzjoni damet bejn 2006-2010, jigifieri sentejn qabel ma bdiet tahdem mal-Kumpanija u minkejja li din ir-relazzjoni spiccat fl'2010, hija xorta wahda baqghet assistenta tieghu ghax ma kienux spiccaw bi glied. Mill-provi jirrizulta wkoll, li s-Sur Robert Micallef spicca minn mas-Socjeta f'April 2011, u skond ix-xhieda li instemghet quddiem it-Tribunal Industrijali, dan sehh wara li kien hemm problemi bejn l-iben u l-missier. Ir-rikorrrenti tghid ukoll fix-xhieda taghha, li f'dawn l-argumenti kienet thossha li kienet qed tispicca fin-nofs.**

**Ir-rikorrenti tghid wkoll fl'Istqarrija tal-Kaz taghha, li meta bdew jehzienu ir-relazzjonijiet bejn l-iben u l-missier, affettwaw wkoll ir-relazzjoni taghha mal-missier ghar-raguni, li hu kien jahseb li hi kienet qed ixxewwex u kien hemm okkazzjoni fejn il-missier indirizzaha bi kliem mhux xieraq. Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara li spicca Robert Micallef ir-responsabilitajiet tieghu hadhom Larry Duca li jokkupa l-grad ta' Manager u ir-rikorrenti baqghet tghamel l-istess dmirijiet li kienet tghamel qabel, ghajr dak ix-xoghol segretarjali li kienet tghamel ghad-Direttur Robert Micallef.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li meta ntemm l-impieg taghha parti minn xogholha kien gie assenjat lil clerk li giet impjegata wara ir-rikorrenti. Hija tghid ukoll, li Is-Sur Duca beda jaqbad maghha u ta' xi warnings li hi kkontestathom u dwar din il-materja kienet ukoll kelmet lill-propjetarju tal-Kumpanija**

**Mill-porvi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti giet dikjarata redundant wara incident li kien sehh fil-Kumpanija li jikkonsisti, fejn peress li ma kellhomx cwievet ta l-ufficjau ta' l-ex Direttur Robert Micallef, l-ufficcju tieghu gie sgassat biex dahlu fih, konsegwentament it-tifel tal-propjetarju mar ghas-sodisfazzjon mal-missier pero ir-rikorrenti ma setghatx tghid jekk kienx hemm xi argument ghax dak il-hin kienet break. Mill-provi jirrizulta wkoll, li wara ir-rikorrenti giet imsejjha mill-propjetarju flimkien ma tlett haddiema ohra fejn infurmahom li kellu suspett li wiehed minnhom kien informa lill-Robert Micallef u konsegwentament gew sospizi ghal jumejn, meta regaw lura ghax-xoghol, hija giet infurmata li kienet se tigi redundant ghar-raguni li peress li kienet assistenta tad-Direttur li ma baqax aktar fl'impieg, ma kienx hemm bzonn aktar tal-htiega taghha.**

**Quddiem it-Tribunal Industrijali is-Socjeta qalet ukoll, li dan kien kaz ta' redundancy pero anke li kieku ma kienx kaz ta' sensja, ir-rikorrenti kellha bizzejjed kazijiet ta' dixxiplina biex l-impieg taghha jigi mitmum fuq bazi dixxiplinarja.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jibda biex jezamina l-provi li deheru quddiemu u meta jevalwa ic-cirkostanzi ta' kif saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti fejn; wara li sehh incident fuq il-post tax-xoghol u hi giet akkuzata minghajr provi li kienet qed tghaddi nformazzjoni lil terzi persuni, f'dan**

**il-kaz l-ex-Direttur tal-Kumpanija Robert Micallef, u konsegwentament giet sospiza mix-xoghol, wara li dahlet lura ghax-xoghol giet infurmata li l-impieg taghha kien qed jigi tterminat fuq bazi ta' redundancy, dan it-Tribunal Industrijali hu tal-fhema, li iraguni li giet moghtija ta' sensja ma kienitx wahda genwini u li l-impieg taghha gie tterminat mhux fuq bazi ta' redundancy imma ghar-ragunijiet ohra li ma kellhomx validita biex is-Socjeta tiddikkjara it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti.**

**It-Tribunal Industriajli jikkunsidra wkoll, id-dikjarazzjoni li ghamlet is-socjeta waqt il-process tal-kaz dak li; jekk l-impieg taghha ma kienx se jigi tterminat fuq bazi ta' redundancy, kien hemm ragunijiet ohra dixxiplinarji li kienu validi biex jigi tterminat l-impieg taghha. Dan it-Tribunal Industrijali meta jikkunsidra din l-istqarrija tas-socjeta jsib, li ma kienx hemm ragunijiet validi li l-impieg tar-rikorrenti jigi tterminat fuq bazi dixxiplinarji. It-Tribunal Industrijali hu ta' din il-fehema ghar-raguni, li meta gie tterminat l-impieg tar-rikorrenti ma kienx hemm ghas-smigh kazijiet dixxiplinarji pendenti fil-konfront tar-rikorrenti. Anzi aktar min hekk, meta it-Tribunal Industrijali jezamina it-twissijiet tal-kazijiet li giet moghtija ir-rikorrenti fil-passat, kienu twissijiet invalidi u dan ghar-raguni li giet iddixxiplinata minghajr ma giet moghtija l-opportunita xierqa li tiddefendi b'modd xieraq l-akkuzi fil-konfront taghha.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet wahda ingusta. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li fil-waqt li ir-rikorrenti m'ghandhix tinghata l-impieg lura, hija ghandha tigi moghtija kumpenns mis-socjeta ta' €4,000(erbgha t'elef euro) liema kumpens ghandu jithallas mis-socjeta lir-rikorrenti fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-Kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Data : 4 ta' April, 2014**